MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 89/2007

Il-Pulizija
(Spt. Nezrin Grixti)
Vs
Jonathan Bonello

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Settembru, 2002 u matul l-ahhar tlett xhur gewwa San Giljan u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti :
a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Princiipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza w

meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provddut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
b) fl-istess data, hin u cirkostanzi, kkommetta dawn ir-reati jew gewwa distanza ta' mitt metro mill-parametru ta' club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur ta' l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provddut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Frar, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 17(h) tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), it-tieni proviso li jidher taht is-subinciz (ii) ta' l-Artikolu 22(2) u li jittratta dwar l-aggravju tad-distanza – ilkoll fil-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-

appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, jigifieri ta’ pussess ta’ eroina f’cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta’ l-appellant dik ta’ pussess semplici ta’ kokaina w ikkundannatu ghall-piena ta’ hmistax il-xahar (15) prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500), liema multa tista’ tithallas f’daqqa jew b’rati ta’ LM50 kull erba’ gimghat bl-ewwel pagament isir erba’ gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Kull parti tal-multa li ma tithallasx tinbidel f’jum prigunerija ghal kull LM5 mhux imhallsa.
Il-Qorti ai termini ta’ l-artikolu 533 ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez ta’ l-ispizjar analatiku (LM76.62) izda mhux daawk il-periti arkitett minhabba li ma nstabitx htija ta’ l-aggravju tad-distanza.
Il-Qorti ordnat li l-flus kollha elevati mid-dar ta’ l-appellant jinghataw lill-ommu ghax dawn huma taghha.
Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati ta’ pussess ta’ droga eroina w ta’ droga kokaina u f’dik il-parti taghha fejn iddikjarat li l-aggravju tad-distanza kontemplat fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(ii) tal-Kap. 101 ma giex ippruvat, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn iddikjarat li l-pussess tad-droga eroina kien f’cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-appellant u/jew tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkonferna l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- 1. li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi / cirkostanzi b’ mod illi legalment u ragjonevoment ma setghatx tasal ghall-konkluzzjoni li l-pussess tad-droga eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Li l-Ewwel Qorti eskludiet il-flus u n-*note book* elevati pero’ kkunsidrat l-ammont tad-droga

nvoluta.w l-prezenza tal-karti mqattghin fl-ambjent li kien jghix fih l-appellant. Li hawn si trattava ta' 7.214 grammi eroina w meta tqis li l-appellant kien ilu jiehu d–droga ghal-izjed minn tlitt snin, dan l-ammont mhux daqshekk qawwi. L-ordinamenti guridici li semmiet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, bla ma ccitathom, ma jistghu qatt iwasslu biex ammont bhal dan elevat jitqies li mhux ghall-uzu personali. Lanqas ma jirrizulta b' liema kalkolu l-Ewwel Qorti waslet biex qalet li, minn ammont hekk zghjir, tista' tohrog minn 72 sa 90 u possibilment 120 qartas meta ma saret ebda prova dwar il-purita'. Li skond l-espert tal-Qorti ma kien hemm ebda *mechanical fit* bejn il-bicciet tal-plastic u l-bicciet tal-karti esebiti,. Il-prova u mhux il-kongettura hi mehtiega. Il-provi iwasslu sar-relm tal-possibbli biss. 2.Il-piena kienet eccessiva.

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-13 t' April, 2007, li bih din il-Qorti rrilevat lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza illi *prima facie* jidher li l-appellant ma meliex is-solita formola tal-garanzija li l-ligi tirrikjedi u li bih tat lill-partijiet gimghatejn zmien biex jissenjalaw xi gurisprudenza fir-rigward jekk tezisti u ghaddiet biex tisma t-trattazzjoni fil-mertu bla pregudizzju ghal dan il-punt.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi fiz-zmien moghti lill-partijiet ma giet indikata lilha ebda gurisprudenza in materia.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju, 2007, li bih iddikjarat l-appell dezert.

Rat ir-rikors tal-appellant tat-22 ta' Gunju, 2007, li bih talab li l-appell jerga' jigi appuntat ghas-smiegh.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2007, li bih laqghet din it-talba w appuntat is-smiegh tal-appell ghall-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi minkejja li fis-26 ta' Frar, 2007, l-appellant talab u ottjena s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-fini ta' appell u minkejja li l-Ewwel Qorti laqghet it-talba taht garanzija personali ta' mitt lira Maltija (LM100), ma jirrizultax mill-atti processwali li l-appellant iffirma xi formola ta' garanzija jew obbligazzjoni kif solitu jsir.

Dr. Giglio ghad-difiza iddikjara li sa fejn jikkoncerna id-difiza hi ghamlet dak li kellu jsir meta talbet is-sospensjoni tal-eskuzzjoni tas-sentenza.

Issa skond l-artikolu 416 (1) fuq imsemmi biex appellant jaqla' mill-Qorti Inferjuri it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza irid jaghmel talba *ad hoc* li ssir lill-Ewwel Qorti u meta tilqa' t-talba l-Ewwel Qorti timponi l-garanzija li hija kondizzjoni *sine qua non* ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu fuq citat li jghid espressament li it-talba tigi milqugha **"KEMM IL-DARBA** (il-persuna) **TAGHTI GARANZIJA TAJBA**", skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577. Dan is-subartikolu jiddisponi li l-garanzija ssir billi jingieb plegg tajjeb, li jobbliga ruhu **bil-miktub** ghas-somma stabilita. Issa huwa minnu li l-artikolu 577 fis-subartikolu (2) jipprovdi li l-garanzija tista' ssir ukoll, meta l-Qorti hekk jidhrilha sewwa, bid-depozitu biss tas-somma jew ta' rahan li jiswa' daqsha jew bl-obbligazzjoni biss tal-imputat, imma f' kull kaz trid issir l-obbligazzjoni da parti tal-appellant u din trid tirrizulta mill-firma jew krocesenn tieghu, jew al menu minn xi verbal fejn l-imputat appellant jiddikjara li qed jobbliga ruhu.

Issa f' dan il-kaz, jew bi zvista ta' kull min koncernat – inkluzi l-appellant u d-difensur tieghu - jew ghal xi raguni ohra, l-appellant baqa' ma tax il-garanzija li giet imposta mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk hu gie naqas li jwettaq din il-kondizzjoni *sine qua non* li minghajra, hu ma jkunx ottjena s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza.

Pero' s-subartikolu (5) tal-Art. 416, jipprovdi li meta l-persuna misjuba hatja, wara li tiddikjjara li trid tappella, tonqos li taghti l-garanzija imsemmija, l-konsegwenza tkun

li hija tinzamm arrestata sakemm taghti dik il-garanzija, jew jekk, le sakemm jinqata' l-appell u ergo mhux li l-appell tieghu ikun null. Ghalhekk ma hemmx ostakolu biex dan l-appell jigi deciz fuq il-mertu tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi dwar il-mertu l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta' pussess tad-droga eroina bl-aggravanti li tali pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-aggravju jirrigwarda biss dan l-aggravanti ghax il-pussess semplici mhux qed jigi kontestat.

Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to*

*interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

F'dan il-kaz, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar din ic-cirkostanza aggravanti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Illi s-sentenza appellata hija ben motivata w dettaljata ghall-ahhar u wara li ghaddiet in rassenja il-provi kollha tal-prosekuzzjoni w tad-difiza w wara li kkonsidrat punt, punt, dak li kien favur it-tezi difensjonali tal-appellant u dak li kien favur it-tezi tal-prosekuzzjoni, waslet ghall-konkluzzjoni bazata kemm fuq il-kwantita' tad-droga elevata kif ukoll ta' hwejjeg ohra li nstabu fil-kamra jew ambjent fejn kien jorqod u jghix l-appellant fid-dar t' ommu.

Din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni il-ghaliex ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti fuq il-mod kif hi apprezzat dawk il-fatti. Kellha kull dritt li tigbed il-konkluzzjoni li waslet ghalija minnkejja l-fatt li l-appellant jirrizulta *ex admissis* li huwa drug addict, ghaliex dan il-fatt bl-ebda mod ma jeskludi li jkun ukoll traffikant. Mhux l-ewwel darba li sejbien ta' *stretch and seal* u boroz godda gew dikjarati li huma indikazzjoni li persuna tkun qed tipprepara qratax biex tittraffikhom. Mhux l-ewwel darba ukoll li ammonti anki izghar minn dak misjub fil-pussess tal-appellant tqiesu li huma bizzejjed biex tinstab htija anki b' dan l-aggravanti ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-possessur. Pero' dawn il-fatturi

jridu jittiehdu in konsiderazzjoni minn min jiggudika fuq il-fatti - f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti w din il-Qorti ma x' ssibx x' ticcensura fl-evalwazzzjoni tal-provi li ghamlet dik il-Qorti.

F'dan il-kaz partikolari mbaghad tqum wahedha d-domanda: minn fejn kien qed igib il-flus l-appellant biex ikun jista' jaffordja li jixtri d-droga, b' ommu separata w tahdem *"part time*" halli tghajjex il-familja konsistenti fl-istess appellant li ma rrizultax li ghandu xi okkupazzjoni redditizja w lill-ohtu tfajla li ghadha l-iskola? Hu risaput li hafna *addicts* biex proprju jiffinanzjaw il-vizzju taghhom ikollhom jirrikorru biex huma wkoll jispaccjaw id-droga.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravju dwar il-mertu ossia s-sejbien ta' htija ta' din ic-cirkostanza aggravanti.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, jinghid li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u tant sentenzi ohrajn.).

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghaliex, apparti li l-Ewwel Qorti setghet kieku riedet erogat piena karcerarja sa massimu ta' ghaxar snin prigunerija fuq l-appellant ghall-ewwel imputazzjoni bl-aggravanti li tieghu sabitu hati, u anki piena karcerarja ghat-tielet imputazzjoni ta' pussess semplici tad-droga kokaina ta' mhux izjed minn tnax il-xahar, b' dan li skond l-artikolu 17 (b) tal-Kap.9 il-piena massima kienet tkun tilhaq ghaxar snin u sitt xhur prigunerija, l-appellant diga instab hati darbtejn ta' pussess tad-droga w minkejja li gie liberat kondizzjonatament darba minnhom u tpogga' taht probation fl-okkazzjoni l-ohra, jidher li ma ghamilx sforz biex jirriforma w baqa' ghaddej bil-vizzju tieghu sa mill-1998 'l hawn. Ghalhekk din il-Qorti tara li ma hemm ebda lok ghal xi riduzzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferrma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------